MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 325/2004

**Avviz numru 325/04DM**

**Samir Tawdrous (ID No. 531295 M)**

**Vs**

**Katie Mallia (ID No. 368149 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta, sabiex tirrifondilu s-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) lilha mhallsa *ai termini* ta’ skrittura privata ta’ bejniethom datata 3 ta’ Jannar, 2004, (kopja annessa ma’ l-Avviz u mmarkata Dok A), stante illi huwa ma rnexxilux jixtri l-fond 36,Triq San Fidiel, Hamrun minghand is-sidien, u dan kif obliga ruhu li jaghmel f’din l-eventwalita’ fuq l-imsemmija skrittura.

Bl-ispejjez tal-presenti, ta’ l-ittri legali tas-16 ta’ Frar, 2004, u tat-13 ta’ Mejju, 2004, u bl-imghax legali mis-16

ta' Frar, 2004, data ta' l-ewwel ittra sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Katie Mallia fejn ecceppiet illi:

1 Preliminarjament l-azzjoni attrici hija ntempestiva a tenur ta' l-Artikolu 1078(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, stante illi l-obbligazzjoni kontrattata bejn il-kontendenti fit-tieni parti ta' l-iskrittura esebita cioe' illi l-attur jixtri l-fond minghand terzi, hija nulla a tenur ta' l-Artikolu 1056 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi tiddependi unikament fuq ir-rieda ta' l-attur u ghaldaqstant ma tistax tigi enforzata;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar, 2005, fejn il-partijiet qablu illi effettivament l-attur hallas elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) lill-konvenuta akkont ta' l-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) skond l-iskrittura u semghet it-trattazzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari;

Rat il-verbal tad-19 ta' April, 2006, fejn il-konvenuta ecceppiet ulterjorment minghajr pregudizzju ghal dak digia eccepit illi in ottempranza in parti ma' l-iskrittura esebita in atti hija vvakat il-fond mertu ta' din il-kontestazzjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-awtenticita' ta' l-iskrittura tat-3 ta' Jannar, 2004, esebita a fol. 2 tal-process.

Lanqas dwar il-fatt illi fuq din l-iskrittura l-konvenuta kienet thallset minghand l-attur somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) akkont tas-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) u illi l-attur kien intrabat li jhallas lill-konvenuta talli din kienet irrinunzjat ghall-kirja li kellha dwar il-fond 36, Triq San Fidiel, Hamrun u obbligat ruhha li tivvaka u tizgombra mill-istess fond u tghaddi c-cavetta lill-istess attur kif tiricievi l-bilanc ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Izda l-istess skrittura tat-3 ta' Jannar, 2004, tipprovdi ukoll illi, jekk ghal xi raguni l-attur ma kienx ser jirnexxilu jixtri u jakkwista l-fond minghand is-sidien sa ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' l-istess skrittura, *ossia* sat-23 ta' Jannar, 2004, il-konvenuta kellha tirrifondi s-somma mifthiema ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000) jew almenu dik il-parti minn din is-somma li tkun lahqet irceviet sa dakinhar.

Gie miftiehem ukoll illi mar-rifuzjoni tas-somma mhallsa lill-konvenuta, il-konvenuta kellha dritt li terga' tieghu minghand l-attur ic-cavetta tal-fond li sa dakinhar tkun setghet ivvakat u ghalhekk terga' tirravviva l-lokazzjoni li kellha korrenti favur taghha minghand is-sidien tal-fond.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-attur ma rnexxilux jakkwista l-fond mikri lill-konvenuta, almenu zgur ma kienx akkwistah sat-23 ta' Jannar, 2004, u ghalhekk huwa ma wasalx biex hallas il-bilanc ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li kien baqghalu jhallas lill-konvenuta kieku sehh l-akkwist u ghalhekk qatt ma giet ikkonsenjata lilu c-cavetta tal-fond in kwistjoni mill-konvenuta u b'hekk il-konvenuta effettivament qatt ma vvakat il-fond li kien fil-pussess taghha.

Il-konvenuta qed taghmel oppozizzjoni ghat-talba attrici, fl-ewwel lok billi ssostni illi t-talba hija ntempestiva izda pero' din l-eccezzjoni ma tinfthiemx peress illi meta l-fond ma

giex akkwistat mill-attur sat-23 ta' Jannar, 2004, l-attur, li ma rceviex ir-rifuzjoni ta' dak li thallas kellu kull jedd illi jagixxi biex jitlob ir-rifuzjoni ta' dak illi huwa hallas, u ghalkemm issostni li ottemprat ruhha mal-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-iskrittura ta' Jannar, 2004, u ssostni ukoll illi l-iskrittura in kwistjoni hija nulla ghal kwanlunkwe raguni, dan b'ebda mod ma jezentaha milli tirrifondi lura dak illi hija rcevit meta l-kondizzjoni pattwita ma sehhitx jew anke ghaliex l-iskrittura hija nulla u bla effett.

Ghaldaqstant issib illi ma hemm ebda raguni a bazi ta' liema l-konvenuta tista' tkun intitolata illi zzom f'idejha l-elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) imhallsa akkont mill-attur lilha meta l-kondizzjoni rizoluttiva pprospettat illi taghti lok ghar-refuzjoni avverat ruhha.

Konsegwentement il-Qorti tilqa' it-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mis-16 ta' Frar, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------